MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 14/2012/1

**Appell numru: 14/2012**

**MIRAGE HOLDINGS LTD. C 6808**

**vs**

**CIHAN KALKAN**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-23 ta' Jannar, 2014 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici qalet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' sitt mija u tnejn u tletin ewro (€632) kwantu ghal hames mija u tnejn u sittin ewro (€562) prezz ta' merkanzija lilu*

*mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal sebghin ewro (€70) bhala interessi.*

*Peress illi l-konvenut interpellat biex ihallas dan l-ammont baqa' inadempjenti, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u tnejn u tletin ewro (€632) bl-ispejjez u bl-interessi ulterjuri kontra l-konvenut.*

*Wara li l-konvenut gie debitament notifikat ipprezenta risposta fil-15 ta' Frar, 2012 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artiklku 2148 a u b tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

*Illi fil-15 ta' Frar, 2012 giet ipprezentat kontrotalba fejn il-konvenut talab danni ammontanti ghal hames mija u sebgha ewro (€507) minhabba l-fatt illi l-mobbli lilha kkonsenjati ma kienux mahduma skond l-arti u s-sengha u hsarat ohra waqt l-installazzjoni mis-socjeta' attrici.*

*Ghaldaqstant umilment talbet illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hames mija u sebgha ewro (€507).*

*B'risposta ghal kontrotalba s-socjeta' attrici eccepiet illi l-kontrotalba ghandha tigi michuda stante illi l-ghamara mibjugha u kkonsenjata kienet mahduma skond l-arti u s-sengha u s-socjeta' attrici ma kkawzat ebda dannu waqt l-installazzjoni ta' l-istess ghamara.*

*Xehdet Marisa Kalkan illi spjegat illi hi ordnat diversi oggetti mignhand is-socjeta attrici u kwazi fuq kull haga li ordnat kellha l-problemi. Uhud mill-problemi gew solvuti izda ohrajn ma gewx solvuti . Tghid illi l-kwistjoni ma hallithiex rieqda u kellmet diversi persuni filfatt tat l-ismijiet ta' nies impjegati mas-socjeta' attrici li kellmet fuq din il-kwistjoni. Tghid illi fuq l-affarijiet pendenti baqghu imeruha per ezempju taf illi taqbu sitt bibien tal-gwardarobba ghall-pumi pero jibqghu jinsistu maghha illi l-gwardarobba suppost ghandha biss tlett pumi.*

*Din ix-xhud xehdet ukoll dwar il-hsarat illi hallewlha u taghhom ipprezentat stima peress illi r-ricevuti originali intilfu u fuq dan xehed u kkonferma bil-gurament tieghu l-avukat difensur taghha.*

*Rigward id-delivery noteipprezentat mis-socjeta' attrici tal-affarijiet neqsin din ix-xhud tghid illi fuq dan id-dokument ma hemmx il-firma taghha u lanqas dik tar-ragel taghha.*

*Xehed Luciano Martinelli in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Dan ix-xhud jahdem fl-accounts section tal-kumpanija. Dan ix-xhud ikkonferma illi kien ghad fadal l-ammont ta' hamess mitt ewro (€500) pendenti peress illi huwa veru li kien hemm affarijiet neqsin pero dan ix-xhud jghid illi imbaghad kollox wasal ghand il-konvenut u pprezenta wkoll delivery note. Jikkonferma wkoll illi l-klijenta kienet semmietlu li kellha xi hames mitt ewro (€500) spejjez tal-hsarat. Izda jghid illi baqghet ma pprezentat l-ebda ricevuta fiskali ta' dawn.*

*Illi l-konvenut permezz tal-avukat difensur tieghu fid-19 ta' Frar, 2013 irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*It-Tribunal wara li semgha l-partijiet u ra d-dokumenti prrezentati jemme lix-xhud Marisa Kalkan mart il-konvenut illi kellha diversi hsarat u oggetti nieqsa. Jibqa' biss il-fatt dwar id-delivery note fejn is-socejta' attrici qed tghid illi d-delivery ghamlitha u hemm il-firma tal-konvenut. Filwaqt illi Marisa Kalkan tghid illi l-firma fuq dan id-dokument la hija taghha u lanqas ta' zewgha Cihan Kalkan. It-Tribunal filfatt ra illi l-firma hija differenti kemm minn tal-konvenut kif ukoll minn tal-mara tieghu Marisa Kalkan.*

*Ghal dawn il-motivi it-Tribunal ihoss illi b'ekwita jichad it-talba attrici filwaqt illi tichad ukoll il-kontrotalba tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha."*

Illi minn din is-sentenza appellat s-socjeta rikorrenti Mirage Holdings Ltd. essenzjalment bl-aggravju li jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal senjalatament ix-xhieda ta' mart l-intimat Marisa Kalkan.

Qabel ma jiġi ittrattat l-aggravju tas-socjeta appellanti, jigi osservat illi fil-kazijiet ordinarji quddiem tribunal, din il-Qorti ta' revizjoni ma tindahalx, hlief f'kazijiet eccezzjonali, u ghall-motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel tribunal fir-rigward tal-apprezzament tal-provi (**Kollez. Vol XXXVII pI**

**p56**). Il-Qorti tat-tieni grad kellha biss taghmel dan jekk tkun sodisfatta illi altrimenti tkun ser tigi kawzata ingustizzja manifesta **(“J. Walker noe –vs- R. Pizzuto”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999**).

Dan premess bhala konsiderazzjoni ta’ indoli generali ghall-kazijiet kollha, fil-kaz ta’ appelli minn decizjonijijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tinsorgi problema ohra dettata mill-istess ligi li kkrejat dan it-tribunal specjali. Dan ghaliex ma jidherx li hu possibbli li jsir minn din il-Qorti ezercizzju ta’ revizjoni tal-fatti jew li tissindika l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal adit. “*Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta’ din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza tal-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta’ l-appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f’dawn il-parametri, allura d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tiddkjara l-istess appell bhala irritu u null*[1]”

Illi l-artikolu 8 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995 jeskludi appell fil-kaz ta’ apprezzament tal-fatti hekk maghmula mit-Tribunal in kwantu dan id-dispost jelenka sew f’liema cirkostanzi huwa konsentit appell minn decizjoni ta’ dan it-Tribunal. Manifestament id-dritt ta’ appell hu ristrett ghall-kazijiet fih kontemplati, jigifieri (a) fuq kull haga li jkollha x’taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, (b) kull kwistjoni ta’ preskrizzjoni, (c) fuq kull nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta’ l-Artikolu 7 u (d) fejn it-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ imparzjalita` u ta’ ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella. Sussegwentement kien gie introdott dritt iehor ta’ appell in aggunta ma’ dawn appena elenkati fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in disputa jaqbez l-elf mija u ħamsa u sittin Ewro €1165 jew il-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

[1]– “John Attard –vs- Charles Agius”, Appell, 14 ta’ Gunju 2001.

A propozitu ta' dan id-dispost tal-ligi intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited**", (Appell, 13 ta' Jannar 1999) illi "*hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995*".

Premessi s-sudetti konsiderazzjonijiet tad-dritt procedurali li jghoddu, mill-analisi ta' l-appell prezenti din il-Qorti ma ssib xejn fih li jista' b'xi mod jinduciha tikkonsidrah taht xi wahda mill-erba' ipotesijiet proposti mil-ligi fl-Artikolu 8(2) succitat. Is-socjeta appellanti torbot l-aggravvji taghha ma' apprezament hazin tal-provi u tikkontesta il-mod kif it-Tribunal ghamel evalwazzjoni tal-provi. Illi ghalkemm it-Tribunal iddecieda l-vertenza imressqa 'il quddiem bejn il-partijiet (u cioe' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba ghad-danni proposta mill-intimat appellat fuq xoghol ta' ghamara difettuz ikkonsenjat lilu mis-socjeta appellanti) purament fuq bazi ta' ekwita', dan ir-ragjonament decizorju madanakollu bl-ebda mod ma gie attakkata mill-appellanti. Ma hemm l-ebda indikazzjoni fl-att promotur tal-appell ta' xi disposizzjoni elenkat fl-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, izda biss referenza ghall-atti probatorji u kritika lejn il-valutazzjoni maghmula mit-Tribunal.

**"l-kuncett ta' l-ekwita` jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b' riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b' mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti". Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Paul Portelli -vs- Paula Buttigieg", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju 2006. Gudizzju dan li jimplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-summum jus in relazzjoni ghall-**

**elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt u ghaldaqstant hu jista' jirrikorri ghall-principju ta' dik il-prudenza u ta' l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni;" – Rita Bihiga vs Adrian Busuttil. App.inf. 01/11/2006.**

Illi fid-deliberazzjoni minnu maghmula, t-Tribunal ghazel li jaghti affidament lix-xhieda moghtija minn mart l-intimat li sahhqet illi l-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma hux dovut u dan ghaliex l-ghamara ikkonsenjata kien fiha bosta difetti u kien ghalhekk illi tressqet il-kontro-talba ghad-anni *piu' o meno* ghall-istess ammont. Illi ghalhekk fuq bazi ta' ekwita t-Tribunal hass illi l-ebda parti ma kien jisthoqqilha illi t-talba imressqa minnu ghandha tintlaqa'. Illi ghalkemm il-motivazzjoni li wasslet lit-Tribunal taqta' l-vertenza imressqa ghal risoluzzjoni quddiemu biss fuq bazi ekwitattiva hija pjuttost xotta, madanakollu il-gravam imressaq quddiem dina il-Qorti ghal konsiderazzjoni taghha huwa wiehed cirkoskritt ghall-ezami ta' provi u ma huwiex ismejjes fuq id-dispost ta'l-artikolu 8(2) hawn fuq iccitat. Kwindi dina l-Qorti hija prekluza milli tissindika d-decizjoni fuq dan il-binarju.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjez ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------